# 88. L-Imħabba bħax-Xemx

L-Imħabba bħax-xemx:
issib qalb sammija,
rimlieha
bix-xewqa, bil-għaxqa, bil-ħrara;
issib għenba nejja,
ħadrana,
timlieha bil-benna, bis-sħana,
bil-ħmura, bin-nar.

U meta lill-għenba sammija
tagħniha bil-meraq u l-lewn,
mur neħħi lix-xemx minn ġo fiha!
mur neħħi l-imħabba mill-qalb!
It-tnejn trid tqaxxarhom,
tagħsarhom,
taħqarhom,
tħassarhom,
tagħtihom il-mewt.

Ħanina,
x'hemm sbejjaħ fil-għenba misħuqa?
x'hemm sbejjaħ f'din qalbi minfuda
bis-sejf, u qed tqattar id-demm,
titkgħawweġ fid-diq u fil-hemm?
Ħalliha lil qalbi
fi ħdanek titbennen ferħana,
bħall-għenba ħamrana
fil-weraq ħadrana
tad-dielja
fis-sħana u d-dija tax-xemx!